DIKASTERU
GĦALL-KULT DIVIN
U D-DIXXIPLINA TAS-SAGRAMENTI

# QUDDIESA
# GĦALL-ĦARSIEN
# TAL-ĦOLQIEN

2025

DIKASTERU
GĦALL-KULT DIVIN
U D-DIXXIPLINA TAS-SAGRAMENTI

Prot. N. 283/24

DIGRIET

## Formularju u siltiet bibliċi għall-Quddiesa għall-Ħarsien tal-Ħolqien

Ħa jfaħħruk l-għemejjel kollha tiegħek (ara Pr 31, 31; Dn 3, 57) biex aħna nħobbuk, u ħa nħobbuk biex l-għemejjel tiegħek ifaħħruk. (Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 13, 33)

Il-misteru tal-ħolqien huwa l-bidu tal-istorja tas-salvazzjoni li jirċievi l-milja tiegħu fi Kristu u mill-misteru ta' Kristu jilħaq l-aqwa dawl; fil-fatt waqt li juri t-tjieba tiegħu "fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (Ġen 1, 1) għaliex sa mill-bidu nett, ħaseb għall-glorja tal-ħolqien ġdid fi Kristu.

Il-Kotba Mqaddsa jħeġġu lill-bnedmin biex jikkontemplaw il-misteru tal-ħolqien u biex iroddu ħajr bla heda lit-Trinità Qaddisa għal dan is-sinjal tat-tjieba ta' Alla, li bħal teżor prezzjuż, jistħoqqlu jkun maħbub, imħares, u fl-istess waqt, miġjub 'il quddiem u mgħoddi minn nisel għall-ieħor.

Fi żmienna jidher ċar daqs il-kristall li l-ħidma tal-ħolqien hija mhedda bil-kbir minħabba l-użu irresponsabbli u mill-abbuż tal-ġid li Alla afda f'idejna biex inħarsuh (ara *Laudato si'* n. 2).

Għal dan il-għan jinħtieġ li mal-"*Quddies għall-ħtiġijiet oħra*", fil-Missal Ruman, jiżdied il-formularju "*Għall-ħarsien tal-ħolqien*".

Fl-Ewkaristija "id-dinja li ħarġet minn idejn Alla, terġa' lura għandu f'adorazzjoni hienja sħiħa: fil-Ħobż ewkaristiku 'il-ħolqien jersaq lejn id-divin, lejn iż-żwieġ qaddis, lejn l-għaqda sħiħa mal-Ħallieq stess' (Benedittu XVI, *Omelija fil-Quddiesa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej*, 15 ta' Ġunju 2006). Għaldaqstant l-Ewkaristija, aħna u nitħassbu dwar l-ambjent, hija wkoll għajn ta' dawl u tħeġġiġ għalina biex inħarsu l-ħolqien kollu" (*Laudato si'* n. 236).

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa LJUN XIV approva dan il-formularju flimkien mas-siltiet bibliċi, bil-Latin, mehmuża ma' dan id-Digriet u jrid li jiġi ppublikat. Għalhekk id-Dikasteru tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, qiegħed jippromulgah u jiddikjarah test tipiku.

Minkejja kull ħaġa kuntrarja.

Mid-Dikasteru għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, 8 ta' Ġunju 2025, Solennità ta' Għid il-Ħamsin.

Arthur Card. Roche
Prefett

✠ Vittorio Francesco Viola, O.F.M.
Arċisqof Segretarju

# QUDDIESA
# GĦALL-ĦARSIEN
# TAL-ĦOLQIEN

Antifona tad-dħul

Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla;
Għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.

Salm 18, 2

## KOLLETTA

O Alla Missier,
li ħlaqt kollox fi Kristu,
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha,
agħtina, nitolbuk,
li, waqt li qalbna tkun miftuħa beraħ
għan-nifs li jagħti l-ħajja tal-Ispirtu qaddis tiegħek,
nieħdu ħsieb b'imħabba l-ħidma ta' jdejk.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna li hu Alla
u li miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

## TALBA FUQ L-OFFERTI

Missier,
ilqa' dawn l-offerti, frott tal-art u xogħol il-bniedem
u wassal għall-milja tiegħu xogħol idejk,
biex, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu,
isiru għalina ikel u xorb għall-ħajja ta' dejjem.
Bi Kristu Sidna.

Antifona tat-Tqarbin

It-truf kollha tal-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

Ara Salm 97, 3

## TALBQA WARA T-TQARBIN

Missier,
is-sagrament tal-għaqda li rċevejna,
isaħħaħ fina l-għaqda tagħna
miegħek u ma' ħutna,
biex, aħna u nistennew sema ġdid u art ġdida,
nitgħallmu ngħixu fis-sliem mal-ħolqien kollu.
Bi Kristu Sidna.

# QUDDIESA
# GĦALL-ĦARSIEN TAL-ĦOLQIEN
# SILTIET MILL-BIBBJA

## MIT-TESTMENT IL-QADIM

Qari mill-Ktieb tal-Għerf Għerf 13, 1-9

1 Tassew boloh minn twelidhom dawk
kollha li ma għarfux lil Alla,
u mill-ħwejjeġ tajba li jidhru
ma waslux biex jagħrfu lil dak li hu;
lanqas għarfu min għamilhom,
huma u jarawhom b'għajnejhom.
2 Imbagħad in-nar, ir-riħ, l-arja ħafifa,
id-dawra tal-kwiekeb, il-mewġa qawwija,
id-dawl tas-sema li jmexxi d-dinja:
lil dawn ħasbuhom allat.
3 Jekk ħasbuhom allat,
għax tgħaxxqu bi ġmielhom,
imisshom jifhmu
kemm hu aħjar minnhom is-Sid tagħhom.
Għax min ħalaqhom hu l-bidu ta' kull ġmiel.
4 Jekk jistagħġbu bil-qawwa u l-ħidma tagħhom,
imisshom jindunaw minnhom
kemm hu aqwa dak li għamilhom.
5 Għax fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq
jingħaraf, bħal fi xbieha, dak li jagħmilhom.
6 Imma dawn mhuwiex ta' min ilumhom wisq;
għandhom mnejn ħarġu mit-triq it-tajba,

huma u jfittxu lil Alla bix-xewqa li jsibuh.
7 Ifittxu bir-reqqa l-għemejjel tiegħu;
iżda tħawwdu b'dak li raw fihom,
daqskemm huma sbieħ.
8 Imma lanqas dawn mhuma ta' min jagħdirhom.
9 Għax jekk setgħu jagħrfu daqshekk,
u jħaddmu moħħhom fuq il-ħolqien,
kif ma sabux aktar malajr is-Sid tiegħu?

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

(Lezzjonarju Ferjali II; Ġimgħa XXXII; Sena I; il-Ħamis)

# MIT-TESTMENT IL-ĠDID

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin Kol 1, 15-20

Ġesù Kristu [15]hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx,
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
[16]għax fih kien maħluq kollox,
fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher
u dak kollu li ma jidhirx,
Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.
[17]Kollox bih u għalih kien maħluq,
hu li hu qabel kollox,
u kollox fih qiegħed iżomm.
[18]Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja.
Hu li hu l-bidu,
il-kbir li qam mill-imwiet,
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.
[19]Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha;
[20]bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu;
bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib,
ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

(Lezzjonarju Ferjali II; Ġimgħa XXII; Sena I; is-Sibt)

# SALMI RESPONSORJALI

## SALM 19 (18), 2-3. 4-5

℟. (2a): Is-smewwiet ixandru l-glorja ta’ Alla.

2 Is-smewwiet ixandru l-glorja ta’ Alla,
għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.
3 Jum lil ieħor jagħti l-aħbar,
lejl lil ieħor iwassal it-tagħrif. ℟.

4 Ma hemmx aħbar u anqas kliem,
ma hemmx leħen li ma jinstemax.
5 Mal-art kollha jasal leħenhom,
mad-dinja kollha jixtered kliemhom. ℟.

(Lezzjonarju Ferjali II; Ġimgħa XXXII; Sena I; is-Sibt)

## SALM 104 (103), 1-2a. 5-6 10 u 12. 24 et 35ċ

℟. (31b): Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu.

[1]Bierek ruħ tiegħi, lill-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta!
Bis-sebħ u l-ġmiel inti mlibbes,
[2]bid-dawl, bħal b'mantell, inti mkebbeb. ℟.

[5]Inti waqqaft l-art fuq is-sisien tagħha,
b'mod li qatt ma titħarrek;
[6]bl-ibħra, bħal b'libsa, inti ksejtha;
u l-ilmijiet waqfu fuq qċaċet l-għoljiet. ℟.

[10]L-għejun tifthilhom għal ġol-widien,
u huma jiġru qalb l-għoljiet.
[12]Ħdejhom jgħammru l-għasafar tal-ajru,
minn qalb il-friegħi jsemmgħu l-għana tagħhom. ℟.

[24]Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bl-għerf għamilthom;
Mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek.
[35ċ]Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej. ℟.

(Lezzjonarju Ferjali II; Ġimgħa V; Sena I; it-Tnejn)

# AKKLAMAZZJONI GĦALL-EVANĠELJU

Salm 103, 24

Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bl-għerf għamilthom.

1 Kr 29, 11d. 12b

Tiegħek is-saltna, Mulej;
inti taħkem fuq kollox.

EVANĠELJU

*Toqogħdux tħabblu raskom għall-għada.*

✠ Qari mill-Evanġelju mqaddes skont San Mattew Mt 6, 24-34

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
24«Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien;
għax jew ikun jobgħod lil wieħed
u jħobb lill-ieħor,
jew jintrabat ma' wieħed
u jistmell lill-ieħor.
Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.
25Għalhekk ngħidilkom:
tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom,
x'se tieklu jew x'tixorbu,
anqas għal ġisimkom x'se tilbsu.
Jaqaw il-ħajja mhijiex aqwa mill-ikel,
u l-ġisem aqwa mill-ilbies?
26Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema;
la jiżirgħu u lanqas jaħsdu
u lanqas igeddsu fl-imħażen,
u madankollu
Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom!
Intom ma tiswewx aktar minnhom?
27U min minnkom,
bl-inkwiet kollu tiegħu,
se jseħħlu jtawwal għomru mqar b'jum wieħed biss?
28U għall-ilbies għalfejn tinkwetaw ruħkom?
Ħarsu lejn il-ġilji tal-għelieqi, kif jikbru!

U la jitħabtu u lanqas jinsġu.
[29]Madankollu, ngħidilkom,
anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu,
ma kien jilbes bħal wieħed minnhom.
[30]Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa
li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn,
kemm aktar lilkom,
nies ta' fidi ċkejkna!
[31]Għalhekk toqogħdux tinkwetaw ruħkom u tgħidu,
"X'se nieklu?"
jew "X'se nixorbu?"
jew "X'se nilbsu?",
[32]għax dawn huma kollha ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani.
Imma Missierkom li hu fis-smewwiet
jaf li dan kollu teħtiġuh.
[33]Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla,
u dan kollu jingħatalkom ukoll.
[34]Mela toqogħdux tħabblu raskom għall-għada,
għax il-jum ta' għada
jħabbel rasu hu għalih innifsu.
Biżżejjed hu għall-jum it-taħbit tal-ġurnata.»

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Tifħir lilek, Kristu.

(Lezzjonarju A; Ħadd VIII;)

*Qam, ordna lill-irjieħ u lill-baħar, u waqgħet kalma kbira.*

✠ Qari mill-Evanġelju mqaddes skont San Mattew Mt 8, 23-27

F'dak iż-żmien,
23 Ġesù tala' fuq dgħajsa,
u d-dixxipli marru warajh.
24 U qamet taqliba kbira fuq il-baħar,
hekk li l-mewġ beda jgħatti d-dgħajsa;
iżda hu kien rieqed.
25 Id-dixxipli resqu fuqu, qajmuh u qalulu:
«Salvana, Mulej! Se nintilfu!»
26 U qalilhom:
«Dan il-biża' kollu għalfejn,
ja nies ta' fidi ċkejkna?»
Imbagħad qam, ordna lill-irjieħ u lill-baħar,
u waqgħet kalma kbira.
27 Dawk stagħġbu, u bdew jgħidu:
«Dan xi bniedem hu,
biex sa l-irjieħ u l-baħar jisimgħu minnu?»

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Tifħir lilek, Kristu.

(Lezzjonarju Ferjali I; Ġimgħa III; Sena I; it-Tlieta)